# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 367/2014 MH**

**Illum 9 ta' Lulju, 2021**

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Mario Muscat**

**vs**

**Marvin Bugeja (K.I. Nru 513877M) u Citadel Insurance PLC (C-21550)**

**Il-Qorti:**

Rat **ir-rikors ġuramentat tal-attriċi tat-30 t'April 2014** permezz ta' liema ġie premess **-**

*RIKORS GURAMENTAT TAS-SOCJETA' RIKORRENTI ATLAS INSURANCE PCC LIMITED [C-5601] KIF SURROGATA FID-DRITTIJIET TAL-ASSIKURAT TAGHHA MARIO MUSCAT*

*Tesponi bir-rispett u L-AVUKAT DOTTOR ALESSIA ZAMMIT MCKEON [ID NUMRU 550283M] debitament awtorrizata sabiex tidher fuq dan l-att in rappresentanza taghha, tikkonferma bil-gurament taghha:*

1. *Illi fit-8 ta' Mejju 2012, ghal habta tal-erba' u kwart ta' wara nofsinhar [4:15pm], waqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SSR 111, propjeta' tal-assikurat tas-socjeta' esponenti Mario Muscat, kienet parkeggjata fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk, hija sfat milquta mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBN 504, li kienet misjuqa mill-intimat Marvin Bugeja u assikurata mis-socjeta' intimata Citadel Insurance plc, fejn sussegwentement ghall-impatt, l-imsemmija vettura telqet minn fuq il-post tal-incident [fejn l-incident gie klassifikat bhala hit and run] [Dok. A];*

2. *Illi konsegwentement ghal dan l-incident, is-socjeta' esponenti garrbet danni fl-ammont ta' sitta u erbghin elf ewro [€46,000] [Dok. B], fejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SSR 111 - li giet dikjarata beyond economical repair - kienet assikurata mill-imsemmija socjeta' esponenti skond polza ta' assikurazzjoni fully comprehensive;*

3. *Illi di fatti, is-socjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited, a tenur tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni mahruga fir-rigward tal-assikurat taghha Mario Muscat, kif kienet obbligata taghmel, indennizat lill-istess assikurat taghha fis-somma ta' tnejn u hamsin elf ewro [€52,000] fuq riferit u*

*għaldaqstant l-istess socjeta' Atlas Insurance PCC Limited giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha [Dok. C];*

*4. Illi minn l-indennizz li thallas mis-socjeta' esponenti Atlas Insurance PCC Limited tnaqqas il-valur tar-wreck, li baqa' fil-pussess tal-istess socjeta', liema valur jammonta għal sitt elef ewro [€6,000]. Għalhekk, id-danni li qed jigu reklamati mill-intimati solidament bejniethom jammontaw għal sitta u erbgħin elf ewro [€46,000];*

*5. Illi għal dan l-incident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-intimat Marvin Bugeja minħabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*6. Illi minkejja li l-intimati kienu interpellati diversi drabi sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni tas-socjeta' esponenti, anke permezz ta' ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013, debitament notifikata lill-istess, huma baqgħu inadempjenti;*

*Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn is-socjeta' rikorrenti qed titlob li din l-Onorabbli Qorti, għar-ragunijiet kollha premessi, sabiex:*

*1. Tiddikjara lill-intimat Marvin Bugeja unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrbet is-socjeta' rikorrenti;*

*2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' rikorrenti fl-ammont ta' sitta u erbghin elf ewro [€46,000], occorendo bl-opra ta' periti nominandi;*

*3. Tikkundanna lill-intimat Marvin Bugeja u lis-socjeta' assikuratrici intimata Citadel Insurance plc fil-vesti taghha bhala assikuratur tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBN 504 sabiex ihallsu solidament bejniethom lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sitta u erbghin elf ewro [€46,000] hekk likwidata.*

*Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2013, u bl-imghax legali b'effett tat-18 ta' Jannar 2013 kontra l-istess intimati, li huma ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-rikors ġuramentat.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Marvin Bugeja tat-22 ta' Mejju 2014**[1] permezz ta' liema ġie eċċepit illi -

[1] Fol 38

XXXXX

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat **ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Citadel Insurance PLC tas-27 ta' Mejju 2014**[2] permezz ta' liema ġie eċċepit illi -

*Bil-qima tghid u bil-gurament taghha tikkonferma Dr. Philippa Taylor East.*

*1. Preliminarjament illi skond ir-regolamenti applikabbli tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta l-polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura CBN 504 ma kienitx tapplika ghall-allegat kollizzjoni li allegatament grat fit-8 ta' Mejju 2012 fi Triq il-Power Station Marsaxlokk stante illi l-istess vettura kienet qed tinsaq b'mod irregolari li jwassal sabiex il-vettura ma kienitx koperta kif fuq inghad - salv id-dritt tar-rikorrenti socjeta' li tithallas mill-eccipjenti b'dana illi l-istess eccipjenti jkollha dritt ta' rivalza fil-konfront tal-konvenut Marvin Bugeja.*

*2. Illi konsegwentement is-socjeta' eccipjenti titlob minn din l-Onor. Qorti dikjarazzjoni ai finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-polza ta' assikurazzjoni mahruga fuq il-vettura CBN 504 ma kienitx tapplika ghall-incident in mertu u dana ai finijiet tal-Exclusions ghal Sezzjoni 2 tal-Polza, klawzola nru. 9 - senjatament: " Liablity arising out of the operation of your vehicle as a tool of trade or plant forming part of the vehicle or attached to it. Operation shall mean the use of such tool or plant when it is not shut down and propery secured for road use".*

*3. Illi konsegwentement is-socjeta' eccipjenti titlob bil-qima li din l-Onor. Qorti tiddikjara li kwalunkwe hlas li din l-Onor. Qorti tordnahla li taghmel ai finijiet tal-imsemmi Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, isir bi dritt ta' rivalza fil-*

[2] Fol 41 et seq

*konfront tal-intimat Marvin Bugeja u ghall-hlasijiet kollha li jsiru in rigward inkluz spejjes u imghax jekk applikabbli.*

*4. Illi Bla pregudizzju ghas-suespost ghall-incident de quo ma kienx jahti l-intimat Marvin Bugeja.*

*5. Ghalhekk it-talbiet attrici kif diretti fil-konfront tal-intimat ghandhom jigu respinti in toto bl-ispejjes.*

*6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta ġuramentata.

Rat il-provi tal-partijiet u n-Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Is-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut Marvin Bugeja huwa unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku li seħħ ġewwa Marsaxlokk fit-8 ta' Mejju 2012. Konsegwentement hija qegħda titlob ukoll il-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mingħandu u mingħand is-soċjeta' assikuratriċi tiegħu fis-somma ta' sitta u erbgħin elf Ewro (€46,000).

Minn naħa tagħhom il-konvenuti rrespinġew tali pretensjonijiet bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

**1. <u>Dinamika tal-inċident</u>**

Mill-provi mressqa lill-Qorti jirriżultalha li[3] nhar it-8 ta' Mejju 2012 Mario Muscat kien jinsab Marsaxlokk bil-vettura tiegħu tal-marka Chevrolet SSR bin-

[3] Affidavits ta' Adrian Muscat u Mario Muscat a fol 35 u 36 rispettivament

numru ta' reġistrazzjoni SSR-111. Waqt li kien hemm, wara li irċieva telefonata mingħand ibnu Adrian Muscat, huwa ftiehem li jakkumpanjah għand mekkanik ġewwa ż-Żejtun. Għal dan il-għan, u peress li ż-Żejtun kienu ser imorru bil-karozza tat-tifel, huwa mar jipparkja l-vettura tiegħu fi Triq il-Power Station, Marsaxlokk. Il-vettura pparkjaha hemm għaliex *"ħass li kien l-aktar post tajjeb fejn jipparkja sabiex ma jiftħux xi bieba fuq din il-karozza*[4]*."*

Mar-ritorn tagħhom f'Marsaxlokk circa siegħa wara, Mario u Adrian Muscat indunaw li l-vettura tal-missier kellha daqqa kbira fuq in-naħa tal-lemin tagħha u kienet nofsha fuq il-bankina u maċ-ċint li kien jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura.

Huma kienu ser jagħmlu kuntatt mal-pulizija biex jirrapurtaw l-inċident imma dawn kienu diġa' fi triqithom peress li terza persuna li kienet rat l-inċident iseħħ kienet diġa' rrapurtat il-każ hi. Fuq il-post tal-inċident il-pulizija nnutaw li taħt il-vettura ta' Muscat kien hemm travu oħxon u li bid-daqqa telgħet fuq il-bankina[5].

Sa dak il-ħin Adrian Muscat ma kellu ebda suspett f'min kien ikkawża dan l-inċident u l-inċident kien meqjus bħala *hit and run*.

Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija ġie stabbilit li l-vettura SSR-111 ġiet milquta minn krejn bin-numru CBN-504 misjuq mill-konvenut Marvin Bugeja. Meta ġie mitkellem mill-Pulizija, Bugeja stqarr li kien jaf li ħabat ma' vettura pero' ma jafx li kien għamlilha daqshekk ħsarat. Intant, skont l-istess rapport tal-Pulizija, meta huma marru biex ikellmuh fir-residenza tiegħu bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħha, qabel huma għamlu spezzjoni fuq il-krejn in

[4] Fol 36
[5] Rapport tal-Pulizija a fol 85 et seq

kwistjoni li kien ipparkjat quddiem l-istess residenza u sabu tifrik tal-ħġieġ kompatibbli mal-ħġieġ tal-vettura ta' Muscat[6].

Minn naħa tiegħu l-konvenut Marvin Bugeja jirrakkonta hekk dwar id-dinamika tal-inċident[7] -

*"Meta seħħ l-inċident ta' din il-kawża, jien kont xogħol fil-Magħluq, ġewwa Marsaxlokk. Jien kont, u għadni llum naħdem mal-kumpanija Fish & Fish u kont qiegħed bil-crane.*

*Dakinhar, li niftakar kien fil-bidu ta' Mejju tas-sena 2012, kont lestejt xogħol, u kont ippreparajt biex immur bil-crane id-dar. Dan kien qisu l-4.15 p.m. Bdejt insuq il-crane, u ġejt biex noħroġ fit-triq tal-Power Station. Nispjega li biex niġi f'dik it-triq, jien u nsuq 'l fuq, it-triq tal-Power Station tiġi forma ta' T.*

*L-intenzjoni tiegħi kienet li noħroġ fit-triq fuq ix-xellug tiegħi u nkompli tiegħla. Fil-fatt, jien u nikser mal-liwja, sibt vann iswed tat-tip Chevrolet li kien qiegħed ipparkjat mal-liwja, b'mod ħażin. Minħabba f'hekk, kelli naqla 'l barra, u ġejt parti minni fuq il-karreġjata l-oħra. Kienet nieżla karozza kontra tiegħi, u għalhekk, ġbidt mill-ewwel 'l ġewwa. Il-konsegwenza kienet li meta ksirt 'l ġewwa, bl-outrigger ħadt il-vann fuq il-parti ta' quddiem. Proprjament ħadt il-mudguard u l-outrigger weħilli mal-wheel arch tar-rota ta' quddiem.*

*Malli rajt mill-mera li kont ħadtu u l-vann kien ġej miegħi, jien waqaft mill-ewwel. Kien faċli għalija nieqaf mill-ewwel, għax crane ta' 30 tunnellata, ġej fit-telgħa, ma jtellax speed u faċli twaqqfu. Imbagħad jien irriversjajt biex naqla l-outrigger minn mall-wheel arch tal-vann u bejni u bejn ruħi ħsibt, għalkemm*

---

[6] Rapport tal-Pulizija a fol 87

[7] Affidavit a fol 191B

*naf li żbaljajt, li la ma rani ħadd, stajt nibqa sejjer, għax kont ippanikjat li lqatt karozza.*

*Malli rriversjajt, inqlajt minn mall-vann mill-ewwel u mingħajr ebda diffikulta' u soqt lejn id-dar. Billi rriversjajt, dal-vann jien m'għamiltlux iżjed ħsara."*

## 2. Responsabbilta' għall-inċident

**L-ewwel talba attriċi** hija marbuta mar-responsabbilta' għall-inċident in kwistjoni, liema responsabilta' fil-fehma tagħha għandha tinġarr unikament mill-konvenut Marvin Bugeja.

**Fl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bugeja** hemm ċaħda tar-responsabilta' għall-inċident u jargumenta li *"hu ma kkawża ebda dannu lill-attur."* Fid-dikjarazzjoni tal-fatti[8] huwa mhux biss isostni li "ma jaħtix għall-inċident" iżda addirittura jallega li l-vettura li kien qiegħed isuq (u li hi proprjeta' tal-kumpanija li timpjegah) seta' kellha xi difett fl-apparat biha hija mogħnija.

**Fir-raba' eċċezzjoni s-soċjeta' konvenuta** ukoll tiċħad il-ħtija tal-konvenut Bugeja għall-inċident *de quo*.

Dwar il-ġurisprudenza in materja l-Qorti tirreferi fost oħrajn għall-każ **David Crisp vs Ian Zahra deċiż fit-30 ta' Mejju 2002** fejn ingħad hekk -

*"Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi, la darba jirriżulta bla ebda dubju li l-konvenut daħal fuq karozza ipparkjata, anke qabel ma' sar l-impatt bejn din l-aħħar karozza u*

[8] Punt nru 2 a fol 38

*dik tal-attur, jingħad li huwa l-oneru tal-konvenut li jispjega kif il-karozza tiegħu waslet biex laqtet karozza ipparkjata, b'mod li jipprova jiġġustifika s-sewqan tiegħu u jittenta jiskolpa ruħu mir-responsabilita' tal-istess inċident, tant li l-istess konvenut jidher li fl-affidavit tiegħu qed jipprova jagħmel dan meta sostna li l-inċident ġara minħabba ċirkostanzi indipendenti minnu ......*

*Illi jingħad ukoll li f'ċirkostanzi simili meta karozza tispiċċa taħbat ma' karozza ipparkjata, dan ikun każ ta' "res ipsa loquitur" fejn huwa allura l-oneru tal-konvenut li permezz tal-provi minnu miġjuba jipprova jiġġustifika l-azzjoni tiegħu. Dan ġie tenut fis-sentenzi mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet* ***"Atlas Insurance Agency Company Limited vs Brian Cilia"*** *(P.A. (RCP) 1 6 ta' Jannar 2001 ) u* ***"Sultana Brothers Transport Limited vs Christopher Camilleri"*** *(P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001 ).*

*Illi l-istess ġie determinat fil-kawża* ***"Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri"*** *(P.A. RCP - 7 ta' Diċembru 2000), fejn il-Qorti sostniet li bla esitazzjoni ta' xejn, tħoss li dan huwa każ ta' "res ipsa loquitur", li l-effett tagħha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u toħloq bħal speċi ta' presunzjoni ta' "prima facie" li t-tort huwa ta' wieħed u mhux tal-ieħor. (****"John Formosa noe vs Joseph Zammit" -*** *F.G.C. 30 ta' April 1 993;* ***"Charles Tonna vs Joseph Cassar" -*** *A.C. 1 4 ta' Mejju 1 971 ;* ***"Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo" -*** *A.C. 5 ta' April 1 971 ).*

*Illi skond il-Gibb para. 90 jingħad illi "when a stationary car is struck by a moving one, the driver of the moving car is usually liable, and the burden of proof resting on the plaintiff will in such a case not be difficult to discharge". U dan ġie ċitat fis-sentenza fl-ismijiet* ***"Lloyds (Malta) Limited vs Anthony Borg"*** *- P.A. (RCP) 31 ta' Mejju 2000)."*

Fil-każ **Elmo Insurance Services Ltd noe vs Rosario Sultana deċiż fid-9 ta' Jannar 2001** il-Qorti qalet -

*"Illi huwa bla għadd id-deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna dwar il-grad ta' responsabbilta' meħtieġa meta sewwieq ikun qiegħed jimmanuvra vettura qrib*

*linja ta' karozzi ipparkjati [ara, per eżempju, s-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta (VBC) fil-kawża fl-ismijiet* ***John Cassar vs Carmel Bugeja*** *maqtugħa fil-5 ta' Lulju, 1987]. Minbarra dan, sewwieq li jaħbat ma' karozza li tkun wieqfa għax ipparkjata jitqies għal kollox responsabbli għall-ħabta, jekk ma jkunx muri li l-karozza l-wieqfa kienet qegħda toħloq xkiel għal sewqan normali, jew ħolqot emerġenza li s-sewwieq ma setax jevita [ara, per eżempju, Gibb "Trial of Motor Car Accident Cases", Para.90, u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 t'Ottubru, 1999, fil-kawża fl-ismijiet "****Albert Grech vs John Attard****"];".*

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ odjern il-Qorti hija tal-fehma ferma li mhux biss mill-provi ntwera li kien il-konvenut Marvin Bugeja li ħabat mal-vettura pparkjata ta' Mario Muscat iżda wkoll huwa ma rnexxilux jiġġustifika u jeżonera ruħu mir-responsabilta' għal tali ħabta. Il-Qorti tqis li –

1. Sa mil-bidu nett Bugeja ammetta mal-Pulizija li kien laqat il-vettura ta' Mario Muscat u baqa' sejjer[9];

2. Fit-telefonata li l-istess konvenut kellu mal-Claims Manager tas-soċjeta' attriċi Steve Conti nhar l-14 t'Awissu 2012 huwa għal darb'oħra rrikonoxxa li kien ħabat mal-vettura msemmija – *"ġbidtu...u bqajt sejjer...[10]"*. Ammetta wkoll li għalkemm induna li kien laqatha,*"Rajtu li vann hekk expensive hu u bżajt u bqajt sejjer..[11]"*;

3. Fid-dikjarazzjoni tal-fatti fin-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut jallega li l-vettura li kien qiegħed isuq (u li hi proprjeta' tal-kumpanija li timpjegah) seta' kellha xi difett fl-apparat li bih hija mogħnija. Ħjiel ta' prova dwar dan u kif setgħet tali allegazzjoni twassal għal ness bejn l-inċident u r-responsabilta'

---
[9] Fol 88
[10] Fol 55
[11] Fol 51

għalih ma nġibitx, dan b'applikazzjoni tal-principju min jallega jehtieg jressaq provi inoneji;

4. Waqt is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2014 quddiem il-Qorti l-konvenut iddikjara li ma kienx qiegħed jikkontesta li l-vettura misjuqa minnu għamlet kuntatt ma' dik ta' Mario Muscat huwa u għaddej minn ma' ġenbha. Irrikonoxxa wkoll li l-vettura ta' Muscat kienet wieqfa[12];

5. Fl-affidavit tiegħu iżda Bugeja pprova wkoll jatribwixxi parti mir-responsabbilta' għall-inċident lil Mario Muscat. Huwa argumenta li l-vettura ta' l-istess Muscat kienet ipparkjata "b'mod ħażin" mal-liwja b'dana li minħabba manuvra li kellu jagħmel sabiex jevita vettura oħra li dak il-ħin kienet nieżla fid-direzzjoni kontra tiegħu spiċċa biex ħabat mal-vettura ta' Muscat. Iżda għal darb' oħra tali allegazzjoni ma ssib ebda sostenn fil-provi. Iben Mario Muscat, Adrian, ikkonferma li t-triq fejn ipparkja missieru kienet dritta u l-vettura ma kinitx ipparkjata f'kantuniera[13]. Din ix-xhieda hija korroborata mir-ritratti esibiti in atti, li dwarhom xehed ukoll Joseph Cortis għan-nom tas-soċjeta' attriċi[14], fejn intwera li l-parti tat-triq fejn kienet ipparkjata l-vettura ta' Muscat kienet dritta u ma kienx hemm liwja[15]. Mario Muscat qal ukoll li din hija triq wiesgħa[16]. Dan kollu jfisser li l-konvenut kellu viżwali tajba tat-triq fejn kienet ipparkjata l-vettura in kwistjoni u ma kellu ebda ostaklu għal sewqan bi prudenza u diliġenza kif suppost saq; (ara ukoll ritratti esebiti Dok B5 sa Dok B14 a fol 145-146)

[12] Fol 44
[13] Fol 99 u 101
[14] Fol 68
[15] Fol 78 et seq
[16] Xhieda a fol 122

6. Meta fil-kors tal-investigazzjoni tagħhom il-Pulizija spezzjonaw il-krejn li kien qiegħed isuq il-konvenut sabu tifrik tal-ħġieġ kompatibbli mal-ħġieġ tal-vettura ta' Muscat[17];

7. It-travu li nstab mill-pulizija viċin il-vettura ta' Mario Muscat ftit wara l-inċident kien wieħed mit-travi tal-krejn tal-konvenut Bugeja[18] -

*" Dr Alessia Zammit McKeon: Issa inti għidt li meta waqaft fuq il-post sibtu travu ma' ġenb din il-vettura.*

*Xhud: Iva.*

*Dr Alessia Zammit McKeon: X'relazzjoni hemm bejn travu u l-vann li kien misjuq minn Marvin Bugeja u l-istess Marvin Bugeja?*

*Xhud: Marvin Bugeja kien qed isuq crane. Crane illi jkollu erba' travi biex meta joħorġu s-saqajn jagħmluh taħt biex jitilgħu is-saqajn.*

*Dr Alessia Zammit McKeon: Jistrieħ, u dan it-travu kien wieħed minnhom.*

*Xhud: Hekk hu."*

8. Mark Micallef, surveyor li spezzjona l-krejn in kwistjoni xehed li fuq il-krejn li kien qed isuq il-konvenut fil-ħin tal-inċident instabet żebgħa ta-istess kulur tal-vettura ta' Mario Muscat[19] -

---

[17] Rapport tal-Pulizija a fol 87
[18] Xhieda ta' SM Joseph Cauchi a fol 104
[19] Fol 60

*"Spezzjonajt vettura oħra, vettura li hi crane, CBN-504......Il-crane kull m'għandu milqut hu outrigger li hi massa ħadid. Sibt il-grif fuq din l-outrigger. Qed nippreżenta numru ta' ritratti fejn jidher l-outrigger. Dokument MM1*[20] *u MM2*[21]*. Fuq l-outrigger sibt il-kulur li hu viċin ħafna meta tipparagunah mal-kulur tal-vettura Chevrolet. Għalhekk hemm l-iswed."*[22]

Fid-dawl tas-suespost, l-unika konklużjoni li tista' tasal għaliha l-Qorti hija li l-konvenut Marvin Bugeja għandu jġorr ir-responsabilta' sħiħa għall-inċident awtomobilistiku tat-8 ta' Mejju 2012. Kien unikament hu li b'imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqasa ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku ikkawża l-inċident in kwistjoni u kkawża danni fuq il-vettura Chevrolet SSR 111 proprjeta' ta' Mario Muscat.

**L-ewwel talba attriċi sejra għalhekk tiġi milqugħa.**

**Għall-istess raġunijiet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Bugeja u r-raba' eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta sejrin jiġu miċħuda.**

**3. <u>Likwidazzjoni tad danni</u>**

**Fit-tieni talba tagħha** s-soċjeta' attriċi qegħda titlob il-likwidazzjoni tad-danni fis-somma ta' sitta u erbgħin elf Ewro (€46,000).

---

[20] Fol 63
[21] Fol 64
[22]

**Fit-tieni u t-tielet eċċezzjoni** tiegħu l-konvenut Marvin Bugeja jikkontesta l-*quantum* tad-danni mitluba u jargumenta li l-attur ma sofriex id-danni minnu reklamati u li dawn huma eżaġerati.

Is-soċjeta' konvenuta ma ressqet ebda eċċezzjoni sabiex tikkontesta l-*quantum* tad-danni pretiż mis-soċjeta' attriċi.

Mill-atti jirriżulta li -

i. Mario Muscat xtara l-vettura Chevrolet SSR-111 f'Diċembru 2011, u ċioe' ftit aktar minn 4 xhur qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni. Huwa kien xtraha għall-prezz ta' tmienja u ħamsin elf Ewro (€58,000)[23]. Il-vettura msemmija kienet ħarġet fuq is-suq fis-sena 2003 u ġiet reġistrata Malta fis-sena 2006. Qabel ma kienet ġiet assikurata mas-soċjeta' attriċi b'effett mill-21 ta' Diċembru 2011[24], kien ġie mqabbad surveyor sabiex jagħmel stima tagħha u abbażi tagħha nħarġet il-polza[25]. Skont dik l-istima, mħejjija mis-surveyor Joseph Cortis, il-valur fis-suq tal-vettura fil-21 ta' Diċembru 2011 kien ta' €58,000 u l-istat tagħha kien deskritt bħala eċċellenti – *"It has been kept in outstanding condition, was hardly used, and has covered only 9,497 miles. The bodywork and spray are in a perfect state, without any traces of dents or corrosion. The interior, upholstery, and trims have been kept in an excellent condition[26]".*

ii. In segwitu għall-ħabta s-soċjeta' attriċi nkarigat lis-surveyor Mark Micallef li wettaq spezzjoni preliminari fuq il-vettura fit-23 ta' Mejju 2012[27]. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[28] huwa elabora li l-vettura kellha daqqa estensiva, tibda

[23] Fol 153 ara wkoll xhieda ta' Sammy Gatt li kien biegħ il-vettura lil Muscat a fol 158 et seq
[24] Polza tal-assikurazzjoni a fol 72
[25] Fol 45c
[26] Fol 22
[27] Fol 16 et seq
[28] Fol 59 et seq

minn quddiem u tibqa' sejra sa wara n-naħa tal-lemin. Fis-17 ta' Lulju 2012 huwa reġa' ra' l-vettura flimkien ma' Joseph Cortis li huwa surveyor u wkoll Claims Manager mas-soċjeta' attriċi. F'din it-tieni spezzjoni raw li bħala parts kienu ser jiġu 'l fuq minn €37,000 biex jinxtraw. Huma talbu li jsir aktar xogħol ta' żarmar fuq il-vettura biex jiddeterminaw ċifra aktar preċiża tal-ħsarat. Micallef spjega wkoll ir-riċerka li għamel biex wasal għall-istimi u semma wkoll li vettura ġdida bħal dik in kwistjoni, biex tinġieb u tinstaq f'Malta kienet tiswa circa €80,000.

iii. Nhar is-26 ta' Ġunju 2012 sar *survey report* minn Joseph Cortis[29] li fih irraporta hekk –

*"The vehicle had extensive damages on the right side , and also on the rear axle and rear left wheel.*

*I compiled a list of spare parts required and asked the garage manager Mr Joe Zammit to report all replacement parts which were required to repair the vehicle, and to carry out a diagnostic check on various electrical components.*

*A preliminary report by Mira Motors (hereby attached[30]) was issued on the 5th July 2012, confirming the parts prices, and that further investigation was needed to diagnose all components, however since the value of parts identified had already exceeded Euro 40,000 the vehicle was declared as a constructive total loss.*

*The pre accident market value was established at Euro 52,000, such figure was determined in view of the undersigned independent pre risk/valuation report*

[29] Fol 23 et seq
[30] Fol 154 et seq

*dated 21st December 2011, and also from a search for a similar vehicle from the UK market. This search resulted in only one example being traced (the vehicle is very rare even in UK) and which was being advertisedfor sale at £34,995 which amounts to circa Euro44,297....Shipping costs would amount to circa Euro1,100 whilst registration tax would have to be paid and should amount between Euro5,000 to 7,000 – exact figure can be determined upon inspection of the actual vehicle by Transport Malta.*

*In view of the above it was agreed to proceed with a full and final cash settlement of Euro 52,000. It was agreed that Atlas will take possession of the wreck. Wreck value should be in the region of Euro €6,000."*

iv. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[31] Cortis elabora li l-assikurat beda jinsisti li jitħallas €58,000 a bażi tal-pre report li l-istess Cortis kien ħejja qabel inħarġet il-polza tal-assikurazzjoni. Iżda Cortis qallu li fil-mument tal-inċident il-vettura kienet tilfet xi ftit mill-valur. Qallu wkoll li kien hemm tibdil fit-taxxa ta' reġistrazzjoni u spjegalu kif wasal għall-istima tiegħu. Finalment l-assikurat aċċetta l-istima u tħallas is-somma ta' €52,000 għas-saldu tal-pretensjonijiet tiegħu marbuta mal-inċident in kwistjoni. Ir-*wreck* (li kif ingħad ġiet stmata għall-valur ta' €6,000) ġiet mgħoddija lis-soċjeta' attriċi li minn naħa tagħha ġiet surrogata fid-drittijiet tal-istess Mario Muscat[32].

v. Il-bilanċ li qiegħed jintalab il-ħlas tiegħu mis-soċjeta' attriċi fil-kawża huwa għalhekk dak ta' €46,000.

[31] Fol 68
[32] Fol 21

vi. Survey ieħor fuq il-vettura ta' Mario Muscat twettaq fis-27 ta' Ġunju 2012 mis-surveyor inkarigat mis-soċjeta' konvenuta Natalino Agius[33]. Fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti[34] Agius qal li meta wettaq l-ispezzjoni sab ħsarat fuq in-naħa tax-xufier minn quddiem lura. Qal li l-vettura kellha *"ammont kbir ta' parts li huma bolded on, jeħlu bil-viti, u ammont ieħor li kien jew welded on jew mekkaniku. Il-biċċa l-kbira meta jkun mekkaniku jew elettroniku aħna mmorru għall-parts ġodda jew ta' garanzija. Jekk ikollha ammont il-vettura ta' parts bolded on, jekk il-vettura jkollha ammont ta' żmien immorru second hand. Oriġinali xorta imma l-prezz differenti[35]."*

vii. Il-konklużjoni ta' dan is-surveyor kienet li l-vettura ta' Mario Muscat kellha titqies bħala *repairable salvage*, jiġifieri li tissewwa, tinbiegħ u terġa toħroġ fit-triq mingħajr problemi.

viii. Fil-fehma tiegħu il-parts li kellhom jinbidlu kienu jammontaw għal €12,400 u dan wara li naqqsu 30% bħala skont li huwa qal normalment jingħata meta jinxtraw ammont konsiderevoli ta' parts ġodda mingħand l-aġent.

ix. Spjega wkoll li waħda mill-problemi li kellu huwa biex jaqbel fuq il-€5,000 għall-*gearbox* u dan meta fi kliemu l-vettura ma kinitx tinstaq u ma setgħux jiċċertifikaw jekk kellhiex ħsara. L-istess pożizzjoni ħa dwar ir-*rear axle* tal-vettura.

x. Fis-*survey report* huwa esprima dubju wkoll fuq il-*mileage* li kellha l-vettura peress li fil-fehma tiegħu kien ftit wisq (9,999 mil[36]) għalkemm fil-kontro-eżami

[33] Fol 202
[34] Fol 196 et seq, fol 227 et seq u fol 245 et seq
[35] Fol 198
[36] Fol 23

stqarr li huwa ma kienx konsapevoli tal-fatt li anke fil-pre valuation report li kien sar ftit xhur qabel, il-vettura kellha *mileage* aktar baxx (9,497 mil[37]).

xi. Qal ukoll li fil-fehma tiegħu, u minn riċerka li għamel, il-*pre-accident value* tal-vettura ta' Muscat kien ta' €42,000.

xi. Agius qal ukoll li normalment fir-rigward ta' vetturi ta' ċertu valur ġieli ssir komunikazzjoni bejn il-kumpaniji tal-assikurazzjoni rispettivi bil-għan li forsi jintlaħaq ftehim. Huwa ċaħad li fil-każ odjern sar *joint survey* bejnu u bejn is-surveyor Joseph Cortis tas-soċjeta' attriċi. Xehed ukoll li ma kienx konsapevoli li saret stedina mis-soċjeta' attriċi lil dik konvenuta sabiex isir dan il-*joint survey*.

xii. Il-konvenut Marvin Bugeja fl-affidavit tiegħu[38] ċaħad li huwa kkawża dik l-entita' ta' ħsara fuq il-vettura ta' Mario Muscat u saħansitra esprima l-ħsieb li l-istess Muscat "kompla jkisser fiha" biex jieħu aktar flus.

Fid-dawl tal-provi mressqa l-Qorti tagħmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet –

1. Bħala punt ta' tluq jiġi sottolineat li d-danneġġjat ghandu jaġixxi ta' *bonus paterfamilias* billi jagħmel dak kollu possibbli biex jimminimizza d-danni. Madankollu dan l-obbligu huwa kontro-bilanċjat bil-fatt li huwa mhuwhiex obbligat jitgħabba b'piżijiet biex jimmitiga l-ħsara. Dawn il-prinċipji huma rassodati fil-ġurisprudenza fosthom fil-każ **Martin Degabriele vs Toninu Bartolo et deċiż fit-8 t'April 2016 –**

[37] Fol 22
[38] Fol 191B

*"Fl-ewwel lok, jingħad li l-ġurisprudenza nostrali dwar danni hija rassodata bi prinċipji ben stabbiliti u kostanti. Fil-każ* **Elmo Insurance Services Ltd vs Trevor Vassallo** *deċiż 26 ta' Novembru 2003 –*

*"In propositu u in vena legali, il-Qorti tirrileva li, hu prinċipju stabbilit li "in tema ta' kompensazzjoni ta' danni, l-attur għandu kemm jista' jkun jiġi mqiegħed fil-posizzjoni li hu kien ikollu kieku ma ġietx kaġjonata l-ħsara" [App.Ċiv.* **John Tufigno vs Joseph Micallef** *noe. deċiż 23 ta' April 1965].*

*Inoltre, għalkemm id-danneġġjat għandu d-dmir li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara u li jieħu l-miżuri kollha biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, huwa mhuwiex obbligat li jitgħabba b'piżijiet biex jirriduċi l-ħsara. Dan il-prinċipju jinsab enunċjat fit-termini segwenti fil-Halsbury (Vol X) ċitat mill-Onor.Qorti tal-Appell fil-kawża* **Mallia vs Moore** *(deċiża 26 Novembru 1954 Vol. XXXVIII.I.249) ċitata fil-kawża App.Inf.John Xuereb vs James Edward Livick et (deċiża 3 Novembru 1956 Vol.XL.I.64): 'It is the duty of the plaintiff to take all reasonable steps to mitigate the loss he has sustained consequent upon the wrongful act in respect of which he sues; and he cannot claim as damages any sum which is due to his own neglect, but he is under no obligation to injure his character, his business or his property to reduce the damage payable by the wrong doer".*

*"Valevoli dejjem li jiġi dejjem sottolineat illi r-regola għandha tkun illi d-dannu reklamat m'ghandux ikun sors ta' approfitar jew ta' lukru u l-miżura tar-riżarċiment m'għandhiex tissupera l-interessi leżi. Ara "***Borg nomine et -vs Schembri***: Prim'Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar,1965" "***Rita Sultana et -vs Antoine Colombo et***" Appell Inferjuri, 19 ta' Frar, 2010. (L-ALFABETT tal-Kodiċi Ċivili per imħallef Philip Sciberras LL.D. Vol D paġna 179)*

*Illi "il-kwistjoni ta' x' inhu raġjonevoli li jagħmel id-danneġġjat biex jimmitiga l-ħsara hi kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi konsiderata fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari, u l-oneru tal-prova f' dan ir-rigward speċifiku jaqa' fuq il-konvenut" [App.Ċiv.* **Joseph Aquilina vs Emmanuele Schembri** *(deċiża 24 ta' Jannar 1969 – Vide wkoll App.Inf.* **Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs Paul Tabone** *– 17 ta' Frar 2003)."*

*Fil-każ fl-ismijiet* **Percius Car Hire Limited vs Richard Schembri** *deċiż fl-20 t'Ottubru 2003 il-Qorti wkoll irriteniet –*

*"Huwa minnu li di regola d-danneġġjat għandu d-dover li jagħmel dak kollu li hu raġjonevoli biex inaqqas il-ħsara konsegwenti għall-fatt illeċitu [Vol.XL.II.653] b' mod li jiġi eskluż fil-każijiet kongruwi, mir-risarċiment ta' dik il-parti tad-danni dovuta għan-nuqqas tiegħu li jieħu dawk il-passi. Jibqa' pero' dejjem il-fatt illi huwa ma huwiex obbligat jitgħabba b'pizijiet biex inaqqas il-ħsara [Vol.XXXVIII.I.249]. Tinsorġi għalhekk regola oħra daqstant ieħor importanti f'materja ta' danni fil-kolliżjonijiet stradali, li tikkonferixxi lid-danneġġjat id-dritt tar-resitutio in integrum b' mod li jirreintegra l-patrimonju tiegħu minn kull konsegwenza ekonomika tal-event dannuż [App.Inf.* **Antonio Zammit vs Mario Calleja** *– 12.01.1977]."*

2. Lil hinn mill-konklużjonjiet raġġunti mis-surveyor tas-soċjeta' konvenuta Natalino Agius fis-*survey report* tiegħu u mill-opinjonijiet minnu espressi dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni pretiżi mis-soċjeta' attriċi fil-kors tax-xhieda tiegħu fil-Qorti, l-istess soċjeta' konvenuta fil-kawża odjerna ma ressqet ebda eċċezzjoni sabiex tikkontesta l-*quantum* ta' danni *per se* kif mitluba mis-soċjeta' attriċi. Huwa minnu li fin-Nota' ta' Sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' konvenuta ressqet numru ta' argumenti rigward l-ammont tad-danni iżda oppożizzjoni formali fir-risposta ġuramentata tagħha ma ssollevatx.

3. Inoltre, għalkemm fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut Marvin Bugeja oppona l-ammont ta' danni pretiżi, u minkejja li għamel diversi asserzjonijiet dwar ċerti ħsarat subiti fil-vettura ta' Muscat, huwa ma ressaq ebda prova sabiex jissostanzja din il-linja ta' difiża tiegħu. Kif ingħad fil-każ **Chef Choice Ltd vs Raymond Galea et deċiż fis-26 ta' Settembru 2013 -**

*"Illi l-Qorti tqis li, għalkemm il-grad ta' prova fil-proċediment ċivili m'huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju."*

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tistax ħlief tqis l-insinwazzjonijiet tal-konvenut Bugeja bħala suspetti u suppożizzjonijiet gratuwiti li ma jsibu ebda fondament fil-provi u għalhekk sejrin jiġu respinti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

4. Jibqa' pero' l-obbligu tal-Qorti li teżamina, jekk il-pretensjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont ta' €46,000 avvanzata mis-soċjeta' attriċi hijiex ġustifikata.

5. Jiġi nnutat li hemm nuqqas ta' qbil bejn iż-żewġ soċjetajiet assikurattivi partikolarment fir-rigward tal-*parts* meħtieġa għall-vettura ta' Mario Muscat kif indikati fis-*survey reports* rispettivi tagħhom. Hija fl-ewwel lok notevoli d-diskrepanza li hemm bejn iż-żewġ naħat fir-rigward tal-ispejjeż meħtieġa biex jinbidlu l-parts tal-vettura. Filwaqt li skont is-soċjeta' attriċi l-ispejjeż għall-parts kienu ser jeċċedu s-€37,000, is-surveyor tas-soċjeta' konvenuta jgħid li l-ispiża għall-parts kellha tammonta għal circa €12,400. Inoltre, skont is-surveyor tas-soċjeta' konvenuta ħafna mill-parts li kienu jeħlu bil-viti setgħu jiġu rimpjazzati b'oħrajn *second hand*, u mbagħad fuq il-parts li kien ikollhom

jinxtraw ġodda kellu jsir tnaqqis ta' 30% li skontu jingħata meta jinxtraw ammont konsiderevoli ta' parts ġodda mingħand l-aġent. In-nuqqas ta' qbil bejn is-surveyors tas-soċjetajiet assikurattivi estenda wkoll parts partikolari li jiswew ammont ta' flus konsiderevoli bħal mahuma l-*gear box* u r-*rear axle* tal-vettura ta' Muscat.

6. Madankollu, meta l-Qorti analizzat il-motivazzjonijiet mogħtija u r-riċerki li saru mis-soċjetajiet assikurattivi sabiex jissostanzjaw il-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom, irriżultalha li kien hemm diversi *lacuni* li fil-fehma tagħha jdagħjfu l-pożizzjoni meħuda mis-surveyor tas-soċjeta' konvenuta:

i. Fir-rigward tal-*parts second hand* per eżempju, għalkemm Natalino Agius kien anke annetta referenzi għal diversi *second hand part dealers* mas-*survey report tiegħu*[39] meta huwa ġie biex jikkonkretizza l-ipoteżi tiegħu waqt ix-xhieda fil-Qorti irriżulta illi dik ir-riċerka kienet waħda pjuttost ġenerali dwar *suppliers* li jispeċjalizzaw f'vetturi bħal dik ta' Mario Muscat u li ma kienx hemm iċ-ċertezza dwar id-disponibilita' ta' kull *spare part second hand* meħtieġ. Inoltre, dik ir-riċerka ma kinitx tinkludi stejjem dwar kemm effettivament kienet tkun l-ispiża kompleta biex il-parts partikolari jitwasslu f'Malta.

ii. Fir-rigward tal-iskont ta' 30% msemmi minn Agius, jidher li huwa strah fuq korrispondenza elettronika skambjata fl-1 ta' Ġunju 2012 ma' l-aġent fejn issemma skont ta' 30% peress li l-prezz tal-parts kien wieħed sostanzjali[40]. Madankollu, kif ben osservat is-soċjeta' attriċi, korrispondenza skambjata sussegwentement għal dan u ċioe' fil-5 ta' Lulju 2012 bejn Joseph Cortis għan-

[39] Fol 205 et seq
[40] Fol 205

nom tas-soċjeta' attriċi u r-rappreżentant ta' Mira Motors Ltd[41] ma tagħti ebda ndikazzjoni dwar xi offerta għal skont fuq il-prezzijiet hemm indikati. Allura mhuwhiex attribwibbli xi nuqqas da parti tas-soċjeta' attriċi li ma nkludietx tali tnaqqis fir-rapport tas-surveyors tagħha.

iii. Ma' dan tiżdied ukoll referenza għal *statement* li kien għamel Natalino Agius meta indika s-*second hand suppliers* fir-rapport tiegħu – huwa qal li jekk is-*second hand parts* ikunu *sourced* jiffrankaw mill-inqas 45%[42]. Iżda meta mistoqsi dwar dan fil-Qorti huwa ammetta li ma kien ġab ebda stima biex isostni dan[43].

iv. Imbagħad fir-rigward tal-*gear box* u *r-rear axle* u l-pożizzjoni li ħa Natalino Agius dwarhom meta ddikjara li ma kienx f'qagħda jiċċertifika jekk dawn kellhomx ħsara - u li allura ma nkludihomx fl-istima tiegħu - il-Qorti tqis li hija raġjonevoli u ġustifikabbli d-deċiżjoni tas-soċjeta' attriċi li mxiet fuq il-pariri lilha mogħtija mill-aġent meta nkludiet dawn iż-żewġ items fl-istima tal-ħsarat. Dan anke jekk il-prezz tagħhom kien wieħed sostanzjali[44] (*gear box* €5,205 u *rear axle* €6,540). Dan għaliex kif elabora fix-xhieda tiegħu Joseph Cortis, jekk wieħed jieħu deċiżjoni li jibda jsewwi u jkun eskluda dawn iż-żewġ parts, imbagħad jirriżulta li għandhom bżonn jinbidlu, allura l-ispiża f'dak il-każ kienet tiġi aktar għolja u mhux vijabbli[45]. Huwa qal hekk –

*"...ikun hemm ċertu ħsarat li meta żżarma jkunu viżibbli, imma għandek gears primary shafts, u differential iduru fuq il-bearings, il-bearings ma tistax tiddetermina viżibilment imma jridu juntużaw. Mentri gear jidher għax ikollok*

[41] Fol 154
[42] Fol 205
[43] Fol 239
[44] Fol 155
[45] Fol 260

*snien imkissrin, il-bearing bl-impatt li jkun ħa ma tistax tiddeterminah, anzi pjuttost trid toħodha, li once li qlajt trid tinbidel għax hemm impatt. Biex tasal iżżarma, mela diġa' nafu li hemm ammont kbir ta' parts, mela diġa' qiegħed on border line li tiġi bihom beyond economical repair, riskju li tieħu deċiżjoni li żżarma., tkun ukoll ikkomprometterjt il-pożizzjoni ta' salvage. Jekk inti żżarmaha l-karozza, hemm wreck li jiswa ammont, ħa jiġi jiswa ħafna inqas. Meta aħna ħadna bilanċ, li qed nitkellmu fuq tletin elf Ewro parts u hemm labour, u wasalna għal €46,000 id-deċiżjoni ttieħdet li aħjar nimxu bil-mod għax huwa iżjed effiċjenti u ekonomiku. Meta nibdew insewwu, hemm ċerta affarijiet li jinqalgħu mat-tiswija u dak huwa riskju li dehrilna ma neħdux[46]."*

Il-Qorti meta tieħu l-assjem tal-kunsiderazzjonijiet kollha suesposti hija għalhekk tal-fehma li d-danni ta' €46,000 dikjarati u pretiżi mis-soċjeta' attriċi ma humhiex kappriċċużi iżda motivati minn kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u raġjonevoli fiċ-ċirkustanzi.

**Għalhekk it-tieni talba attriċi sejra tintlaqa' kif dedotta.**

**Għall-istess raġunijiet, it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut Marvin Bugeja sejrin jiġu respinti.**

**4. <u>Kundanna għall-ħlas tad-danni</u>**

**Fit-tielet talba** tagħha s-soċjeta' attriċi titlob lill-Qorti tikkundanni lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex iħallsuha s-somma ta' €46,000 hekk likwidata.

[46] Fol 264

Minn naħa tagħha **fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tagħha s-soċjeta' konvenuta targumenta illi skont il-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta l-polza ta' assikurazzjoni maħruġa minnha fuq il-vettura CBN-504 ma tapplikax għall-kolliżjoni tat-8 ta' Mejju 2012 mertu tal-proċeduri odjerni.

Il-Qorti tinnota li tali soċjeta' naqset għal kollox milli tressaq provi biex tissostanzja din il-linja difensjonali u kwindi għandu japplika **l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Assigurazzjoni ta' vetturi bil-mutur għar-riskji ta' terzi persuni** (Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta) li jestabilixxi proprju l-obbligu tal-assikuratur li jesegwixxi l-ħlas li għalih tkun ġiet kundannata persua assikurata kontra r-riski ta' persuni terzi. Dan l-artikolu, fl-ewwel subartikolu tiegħu jipprovdi hekk -

*"(1) Jekk, wara li jkun inħareġ ċertifikat ta' assigurazzjoni taħt l-artikolu 4(4) tal-artikolu 4 lill-persuna li tkun ħadet il-polza, tiġi mogħtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbiltà li għandha tkun koperta minn polza taħt l-artikolu4(1) (meta hija responsabbiltà koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f'dan il-każ, għad illi l-assiguratur awtorizzat ikun jista'jannulla jew iħassar, jew ikun annulla jew ħassar il-polza, huwa għandu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu iħallas lill-persuni li favur tagħhom tkun ingħatat is-sentenza, kull somma ta' flus li għandha titħallas bis-saħħa ta' dik is-sentenza dwar ir-responsabbiltà fuq imsemmija, kompriż l-ammont li jmiss jitħallas għal spejjeż u għal imgħaxijiet fuq dik is-somma u dik is-sentenza wara jumejn li tiġi notifikata lill-assiguratur b'att ġudizzjarju għandha tikkostitwixxi titolu esekuttiv kontra dak l-assiguratur għall-finijiet kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u tista' tiġi enforzata kontra tiegħu."*

**B'hekk it-tielet talba attriċi sejra tintlaqa' fil-konfront taż-żewġ intimati solidalment bejniethom.**

**Għall-istess raġunijiet sejrin jiġu miċħuda l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta.**

**Madankollu l-Qori sejra tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta fejn qegħda titlob lill-Qorti tordna li l-ħlasijiet minnha għandhom isiru bi dritt ta' rivalza kontra l-konvenut l-ieħor Marvin Bugeja.**

**Il-Qorti ser tiċħad ukoll il-bqija tal-eċċezzjonijiet taż-żewġ konvenuti.**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi –**

**1. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenut Marvin Bugeja unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku tta-8 ta' Mejju 2012 mertu tal-proċeduri odjerni u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-istess soċjeta' attriċi;**

**2. Tilqa' t-tieni talba attriċi u tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi fis-somma ta' sitta u erbgħin elf Ewro (€46,000);**

**3. Tilqa' t-tielet talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut Marvin Bugeja u lis-soċjeta' assikuratriċi konvenuta Citadel Insurance plc fil-vesti tagħha bħala assikuratur tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni CBN 504 sabiex iħallsu solidalment bejniethom lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitta u erbgħin elf Ewro (€46,000) hekk likwidata;**

**4. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta u tiddikjara li l-ħlasijiet kollha li jsiru mis-soċjeta' konvenuta inkluż l-ispejjeż u mgħaxijiet għandhom isiru bi dritt ta' rivalza kontra l-konvenut Marvin Bugeja;**

**5. Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**6. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mit-18 ta' Jannar 2013 kontra l-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Onor Dr. Miriam Hayman**

**Imħallef**

**Victor Deguara**

**Deputat Reġistratur**